MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 489/2013

Lawrence **GRECH**, Joseph Magro, Leonard Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon, Philip Cauchi u Joseph Manġion

vs

Carmelo **PULIS**, Francesco *sive* Godwin Scerri, Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl, Arċidjoċesi ta' Malta, Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u x-

Xogħol, u Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali

**Il-Qorti:**

Din hija deċiżjoni fuq talba magħmula mill-imħarrkin Carmelo Pulis u Francesco *sive* Godwin Scerri permezz ta' żewġ rikorsi li jġibu d-dati tal-4 ta' Novembru, 2013[1], u tat-12 ta' Diċembru, 2013[2], rispettivament sabiex, għar-raġunijiet hemm minnhom imfissra, jitħallew ineħħu l-kontumaċja tagħhom li seħħet wara li, għalkemm laqgħu n-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u tal-Avviż tas-Smigħ, naqsu li jressqu Tweġiba Maħlufa fiż-żmien li tagħtihom il-liġi;

Rat illi, fil-każ tal-imħarrek Carmelo Pulis, huwa jistqarr li laqa' n-notifika fil-31 ta' Lulju, 2013, u li madwar tlitt (3) ijiem wara hu ikkomunika ma' Dun Martin Galea (Assistent Superjur Ġenerali tas-Soċjeta' Missjunarja mħarrka) u għarrfu b'dak li kien irċieva u jgħid li kien tħalla bl-impressjoni li Dun Martin "kien ser jeħodlu ħsieb kollox hu, inkluż li jħallas għalih id-drittijiet imsemmija fl-avviż tas-smiegħ" u li ma kienx jaf li kellu jippreżenta t-Tweġiba maħlufa fi żmien għoxrin (20) jum. Meta aktar 'il quddiem żaru l-Vigarju tas-Soċjeta' – Dun Frank Ċini – dan kien qallu biex isib u jqabbad avukat. Żied jgħid li kien biss waqt is-smigħ ta' din il-kawża tad-9 ta' Ottubru, 2013, li saritlu twissija tal-Qorti kif dakinhar presjeduta biex ikollu l-assistenza ta' persuna legali minħabba n-natura tal-każ u wkoll minħabba li huwa kontumaċi li ntebaħ x'kien ġaralu. Dakinhar stess, huwa talab li jingħata l-assistenza ta' avukat bil-

[1] Paġġ. 153 – 4 tal-proċess
[2] Paġġ. 175 – 6 tal-proċess

benefiċċju tal-Għajnuna Legali. Ir-rikors tiegħu jġib il-firma tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali mqabbdin lill-imħarrek;

Rat illi għal din it-talba wieġbu l-imħarrkin Diretturi Ġenerali bi Tweġiba mressqa minnhom fil-21 ta' Novembru, 2013[3], l-atturi bi Tweġiba mressqa fit-22 ta' Novembru, 2013[4], u kif ukoll l-imħarrka Arċidjoċesi ta' Malta bi Tweġiba mressqa fil-25 ta' Novembru, 2013[5]. F'dawn it-Tweġibiet, u għar-raġunijiet u s-sottomissjonijiet hemm imsemmijin, l-imsemmija Diretturi Ġenerali u l-Arċidjoċesi ħallew f'idejn il-Qorti biex tara hi jekk għandhiex tilqa' t-talba tal-imħarrek, filwaqt li l-atturi opponew bil-qawwa;

Rat illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Francesco *sive* Godwin Scerri jindika l-istess raġunijiet bħall-imħarrek Pulis biex isejjes it-talba tiegħu. Huwa jgħid li kien biss waqt is-smigħ tad-9 ta' Ottubru, 2013, li ntebaħ li kien ried iwieġeb għar-Rikors Maħluf u dak inhar huwa talab li jitqabbad avukat għall-Għajnuna Legali biex jiddefendih. Ir-rikors tiegħu wkoll tressaq minn Avukat u Prokuratriċi Legali maħturin għal dan il-għan;

Rat illi għat-talba tal-imħarrek Scerri wieġbu biss l-atturi fl-14 ta' Jannar, 2014[6], li reġgħu opponew għat-talba bl-istess argumenti u raġunijiet li kienu nqdew bihom fit-Tweġiba li ressqu għat-talba tal-imħarrek Pulis;

Rat li, meta f'Jannar tal-2014, il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta, ma kienx għadu ngħata provvediment dwar dawn iż-żewġ talbiet;

Rat illi l-kawża kienet tqiegħdet għall-ewwel smigħ fid-9 ta' Ottubru, 2013, f'liema jum dehru ż-żewġ imħarrkin u l-Qorti kif dakinhar

[3] Paġġ. 158 – 9 tal-proċess
[4] Paġġ. 162 – 3 tal-proċess
[5] Paġġ. 164 – 6 tal-proċess
[6] Paġġ. 182 – 3 tal-proċess

presjeduta kienet wissiethom li "minħabba n-natura tal-każ għandhom jaraw kif ikollhom l-assistenza ta' persuna legali anke għalkemm huma kontumaċi"[7];

Semgħet ix-xhieda tal-imħarrkin Carmelo Pulis u Francesco *sive* Godwin Scerri u ta' Dun Frank Ċini u Dun Martin Galea;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-2 ta' Ottubru, 2014, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-kontinwazzjoni u biex tagħti l-provvediment dwar it-talba tal-imħarrkin biex jitħallew ineħħu l-kontumaċja tagħhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan huwa każ fejn parti mħarrka f'kawża naqset li tressaq Tweġiba Maħlufa fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, wara li laqgħet in-notifika tal-atti tar-Rikors Maħluf u kif ukoll tal-Avviż tas-Smigħ. Il-kawża tressqet bil-proċediment ordinarju. Minħabba f'hekk, iż-żewġ imħarrkin Pulis u Scerri qegħdin jitolbu li jitħallew iressqu l-kontestazzjoni tagħhom u jneħħu l-istat ta' kontumaċja li waqgħu fih;

[7] Verbal f'paġ. 149 tal-proċess

Illi għal din it-talba l-atturi laqgħu bil-qawwa, filwaqt li l-imħarrkin l-oħrajn ħallew f'idejn il-Qorti biex tara hi jekk għandhiex tilqa' t-talba taż-żewġ imħarrkin. L-atturi jisħqu li kemm mill-atti tar-rikorsi nfushom u kif ukoll mix-xhieda mismugħa, joħroġ li l-kontumaċja taż-żewġ imħarrkin Pulis u Scerri hija waħda miġjuba bit-traskuraġni u għalhekk mhijiex ġustifikabbli;

Illi l-Qorti tagħraf li l-effetti tal-kontumaċja fuq il-parti mħarrka f'kawża jiddependu mill-atteġġament li dik l-istess parti tkun ħadet hekk kif tilqa' għandha l-atti ta' kawża li tkun tressqet kontriha. Dawn l-effetti llum il-ġurnata huma magħrufa u ġeneralment kull qorti timxi fuqhom. L-istess atturi jirreferu għal dik il-ġurisprudenza biex jiġġustifikaw il-pożizzjoni tagħhom;

Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni[8], u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-ohra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu sanzjoni – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – għaliex meqjusa bħala element ta' disordni soċjali[9];

Illi fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-

[8] Ara App. Ċiv. : **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġerada vs Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)
[9] Ara App. Kumm.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.170**)

ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikata[10]. B'żieda ma' dan, ma jridx jintesa li l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja hija fiha nnifisha eċċezzjoni għar-regola li l-parti mħarrka trid twieġeb għall-azzjoni mressqa kontriha fiż-żmien li trid il-liġi u li dik l-eċċezzjoni m'għandhiex tieħu post dik ir-regola;

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja ta' tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa żminijiet riċenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-ieħor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawża u li ma laħaqx għamel dan għal raġuni li ma kienx jaħti għaliha[11];

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati[12]. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża[13]; (ċ) li jeħtieg li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali[14];

Illi dwar x'iwassal lil kontumaċja biex titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**, fil-kawża fl-ismijiet <u>Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin *et*</u>[15], fejn ingħad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti

[10] P.A. **4.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Ellul*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.729**)
[11] P.A.: **9.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***G. Beacom vs A. Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**)
[12] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **13.7.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vivian Mizzi vs Carmelo Mizzi***
[13] Ara App. Inf.: **3.5.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.738**) u App. Inf. : **29.11.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.811**) u l-kawżi hemm imsemmija
[14] Ara, per eżempju, App. Ċiv.: **12.12.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (mhix pubblikata); u P.A.: **27.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Naudi Montaldo noe vs Xuereb*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1214**)
[15] Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.28**

bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ". F'dik l-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tenniet b'enfasi li l-liġi, fl-artikolu 187 tal-Kap 12, tqiegħed dmir fuq iċ-ċittadini kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha li jaraw u jassikuraw li dawk il-persuni kollha li jgħixu magħhom fid-dar fejn joqogħdu jikkonsenjawlhom l-ittri li jirċievu. Dwar dan jidher li l-Qorti tal-Appell, fi żminijiet aktar qrib dehrilha li kien wasal il-waqt li ttenni din il-linja ta' ħsieb fil-qies dwar jekk persuna hijiex kontumaċi bi ħtija jew le[16];

Illi f'din il-kawża, ż-żewġ imħarrkin jisħqu ħafna fuq il-fatt li meta laqgħu n-notifika tal-atti tal-kawża u tal-avviż tas-smigħ, it-tnejn li huma kienu magħluqa fil-Faċilita' Korrettiva fejn qegħdin jiskontaw sentenza b'riżultat ta' proċeduri ġudizzjarji oħrajn li ntemmu. L-imħarrek Pulis jgħid ukoll li ngħata x'jifhem minn Superjuri tas-Soċjeta' Missjunarja mħarrka li, għad-difiża tiegħu f'din il-kawża, kienet sejra tieħu ħsieb l-istess Soċjeta' u dan ukoll minħabba n-nefqa marbuta mat-tressiq tal-atti u kif ukoll mal-ħlas tal-avukat. L-imħarrek jgħid li ma kellux mezzi finanzjarji biex jista' jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji u d-dritt ta' avukat. L-imħarrek Scerri xehed xi ftit mod ieħor u qal li l-atti tal-kawża kienu ntbagħtulu għand is-Soċjeta' Missjunarja mħarrka u dawn twasslulu fil-Faċilita' Korrettiva wara xi żmien[17];

Illi, fl-ewwel lok, iż-żewġ xhieda rappreżentanti s-Soċjeta' Missjunarja mħarrka xehdu b'mod kategoriku li, sa minn qabel ma bdiet tinstema' l-kawża u wara li saru n-notifiki tal-atti tagħha, kienu għarrfu lill-imħarrek Pulis li s-Soċjeta' ma kinitx ser tieħu ħsieb tqabbadlu avukat jew tħallaslu n-nefqa li l-ħatra ta' avukat iġġib magħha; lanqas ma kienet sejra terfa' l-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża[18]. Din ix-xhieda tmieri l-fehma jew impressjoni li l-imħarrek Pulis seta' twebbel biha meta bagħat l-atti bil-posta reġistrata lil Dun Martin Galea. Iżda wkoll meta xehed l-imħarrek innifsu, ma kienx daqshekk ċar f'dak li kien għaddej u qal li kien "ħadha *for granted*" li s-Soċjeta' kienet ħaditlu ħsieb u li kienet sejra tqabbadlu avukat[19];

Illi, minbarra dan, il-mod kif ma ngħatax każ tal-avviż ċar li jkun hemm fuq il-parti ta' fuqnett tar-Rikors Maħluf ma jirrifletti xejn tajjeb fuq l-atteġġament taż-żewġ imħarrkin. Il-Qorti tqis li, jekk wieħed jaqra sewwa x'ikun hemm f'Avviż bħal dak (u dan jissemma f'żewġt ilsna, kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż) wieħed ma jistax ma jaqrax li jintuża l-kliem "mal-preżentata tar-risposta tiegħek fiż-żmien stipulat mil-liġi". Dan l-avviż

[16] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd.***
[17] Xhieda tiegħu 2.10.2014, f'paġġ. 242 – 3 tal-proċess
[18] Xhieda ta' Dun Martin Galea u Dun Frankie Ċini 12.6.2014, f'paġġ. 222 – 4 tal-proċess
[19] Xhieda tiegħu 12.6.2014, f'paġ. 229 – 231 tal-proċess

jgħodd għal kulħadd u f'kull każ fejn kawża titressaq bil-proċedura ordinarja. Minbarra dan, minħabba li ż-żewġ imħarrkin laqgħu wkoll in-notifika tar-Rikors Maħluf fil-każ ta' kull wieħed minnhom, ma setgħux ma jintebħux ukoll li fir-ras ta' dak l-att ġudizzjarju kien hemm l-avviż li jwissihom li kellhom għoxrin (20) jum minn dakinhar tan-notifika biex iressqu l-kontestazzjoni għall-azzjoni li bdew kontrihom l-atturi. Wara li semgħet liż-żewġ imħarrkin joffru x-xhieda tagħhom, il-Qorti ma għandhiex għax tiddubita li, f'xi waqt jew ieħor, iż-żewġ imħarrkin kellhom ħinijiet jew opportunita' biex jiltaqgħu u jitkellmu ma' xulxin ukoll fuq dawn il-proċeduri u kif kienu sejrin jaffrontawhom. Ħareġ ukoll li, xi ġimgħat qabel ma nfetħet il-kawża, l-istess żewġ imħarrkin (bħal fil-każ tal-imħarrkin l-oħrajn kollha) kienu laqgħu n-notifika – fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin – ta' ittra uffiċjali li l-atturi kienu ressqu qabel infetħet il-kawża fis-6 ta' Diċembru, 2012[20];

Illi fit-tielet lok, il-fatt li ż-żewġ imħarrkin jinsabu fil-qagħda li ssemmiet aktar qabel, ma joħloqx raġuni speċjali li waħedha tiġġustifika l-kontumaċja. Għall-kuntrarju, irriżulta li dak inhar stess li l-Qorti kienet ġibditilhom l-attenzjoni għan-nuqqas ta' assistenza legali li kienu fiha, huma talbu li jitqabbdulhom avukati bl-Għajnuna Legali u dan sar b'ċerta ħeffa. Il-Qorti hija iżjed imħassba għall-fatt li dan għamluh mhux għaliex intebħu f'liema qagħda proċedurali kienu jinsabu, iżda għaliex bħal donnu kienet il-Qorti kif dakinhar komposta li ħolqot fihom sens ta' premura li ma jidhirx li kellhom minn rajhom sa qabel dak il-waqt;

Illi, fir-raba' lok, irid jingħad li wieħed ma jistax joqgħod fuq ix-xhieda tal-imħarrek Scerri għal dak li jirrigwarda l-mod kif laqa' għandu n-notifika tal-atti tal-kawża. Din ix-xhieda, minbarra li ma taqbel kważi xejn max-xhieda mogħtija mill-imħarrek Pulis, hija kontradetta mill-atti nfushom tal-kawża li jixhdu ċar li n-notifika saritilhom fil-Faċilita' Korrettiva nfisha u li l-atti ngħatawlhom mill-ewwel. Kemm hu hekk, kien minħabba li ġara hekk li l-imħarrek Pulis seta' jibgħat dak li rċieva lis-superjuri tas-Soċjeta' Missjunarja mħarrka ħalli jaraw x'kienu ser jagħmlu dwar id-difiża tiegħu;

Illi, fil-ħames lok, il-fatt li wara li kienu diġa' fi stat ta' kontumaċja, ż-żewġ imħarrkin tqabbdulhom avukati biex jidhru għalihom u jħarsu l-interessi tagħhom f'din il-kawża ma jfissirx b'daqshekk li huma seħħilhom jagħtu raġuni tajba għall-ġustifikazzjoni ta' dik il-kontumaċja li kienu ilhom ġimgħat li waqgħu fiha qabel ma talbu l-ħatra. Lanqas ma sservi biex tagħmel ġustifikabbli dak li qabel ma kienx. Dik il-ħatra tibqa' siewja u meħtieġa wkoll jekk l-istat ta' kontumaċja ma jitneħħiex u l-Qorti hija tal-

[20] Dok "PVX", f'paġġ. 238 – 240 tal-proċess

fehma sħiħa li ż-żewġ avukati li tqabbdulhom għandhom rwol siewi f'dak li għad fadal x'isir f'din il-kawża;

Illi, mill-ġabra sħiħa ta' konsiderazzjonjiet u ċirkostanzi li ssemmew hawn fuq, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ebda wieħed miż-żewġ imħarrkin Pulis u Scerri ma tawha raġuni tajba biex issib li l-kontumaċja tagħhom hija ġustifikabbli u għalhekk ma tarax li għandha tilqa' t-talbiet tagħhom biex tneħħilhom il-kontumaċja tagħhom;

Illi għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li taqbel mal-argumenti tal-atturi u sejra tiċħad it-talba tal-imħarrkin Pulis u Scerri biex jitħallew isaffu l-kontumaċja tagħhom ladarba ma ġabux raġunijiet tajba biżżejjed li jwasslu lil din il-Qorti tifhem li dak li ġara kien lil hinn mis-setgħa u l-kontroll tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** magħmula mill-imħarrkin Carmelo Pulis u Francesco *sive* Godwin Scerri bir-rikorsi rispettivi tagħhom tal-4 ta' Novembru, 2013, u tat-12 ta' Diċembru, 2013, biex jitħallew jikkontestaw il-kawża u jneħħu l-kontumaċja tagħhom; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla, b'riżerva lill-istess imħarrkin li jingħataw il-fakulta' li jressqu s-sottomissjonijiet li l-liġi tippermettilhom jagħmlu fil-waqt xieraq tal-kawża u mingħajr ħsara għal kull rimedju ieħor mogħti lilhom mil-liġi.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------